MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta ta' l-14 ta' Frar, 2011

Rikors Numru. 71/2008

**Hilarie P. Vincenti (ID 102427M)**

**vs**

**Nutar Dottor Schembri Adami (ID 48863M)**

Il-Bord:

Ra r-rikors promutur:

Illi r-rikorrent jikri l-fond 2001/1 Triq l-Ifran Valletta lill-intimat versu kera ta' erbgha u tmenin lira Maltin (Lm84) ossija mija u sebgha u disghin Euro u sebgha u sittin centezmu (€195.67) fis-sena;

Illi l-iskop tal-imsemmija kirja keinet sabiex il-fond jintuza bhala ufficju professjonali;

Illi l-intimat ilu diversi xhur li waqaf jipprattika l-professjoni tieghu, u l-ufficju ma ghadux jintuza ghal l-iskop li ghalih

gie mikri, u lanqas jista’ jintuza ghal tali skop ghal numru ta’ snin;

Illi debitament interpellat sabiex jirritorna c-cwievet bonarjament (Dok HV 1, l-intimat irrifjuta u ddepozita l-kera tahht l-Awtorita’ tal-Qorti (Dok HV 2);

Ghaldaqstant ir-rikorrent jitlob umilment lil dan l-Onorabbli Bord sabiex jawtorizzah sabiex ma jgeddidx il-kirja kurrenti u sabiex jordna r-rilaxx u l-izgumbrament effettiv tal-fond entro terminu qasir u perentorju;

Ra r-risposta tal-intimat:

Illi t-talba tar-rikorrenti ghandha tigi respinta peress illi hija ghal kollox infondata kemm fattwalment kif ukoll legalment kif ser jirrizulta ahjar waqt is-smiegh ta’ dawn il-proceduri fosthom pero mhux esklussivament;

Ma hux minnu li l-kirja kienet intiza sabiex il-fond jintuza limitatament bhala ufficju professjonali;

Illi l-fond kien u ghadu jintuza ghall-skopijiet personali tal-intimat oltre bhala skop ta’ ufficju;

B’riserva li jitressqu risposti ulterjuri;

Bl-ispejjes kontra r-rikorrenti;

Ra l-atti kollha tal-kawza;

Ikkonsidra:

Illi kif jemergi minn ezami tal-inkartament, l-ebda wahda mill-partijiet ma ressqet provi ghall-ahjar konsiderazzjoni ta’ dan il-Bord. Stante l-procediment pjuottost insolitu minn naha tar-rikorrenti, il-Bord ihoss li jkun opportun jirriproduci l-verbal tas-seduta tad-9 ta’ Dicembru 2009 ghall-ahjar intendiment: “Dr. Gianfranco Gauci ghar-rikorrenti, stante d-dikjarazzjoni maghmula mill-intimati fir-risposta tieghu jiddikjara li m’ghandux aktar provi, salv kull prova li tista’ tehtieg minn dak li jista’ jghid l-intimat”.

L-intimat ma ressaq ebda prova in sostenn tal-eccezzjoni tieghu;

Fin-nota risponsiva tieghu, l-intimat jghid li dan l-ufficcju ma kienx mikri limitatament bhala ufficcju professjonali kif ukoll illi dan il-fond kien u ghadu jintuza ghal skopijiet personali tal-intimat oltre bhala skop ta' ufficcju.  Ir-rikorrenti donnu qed jistrieh fuq din id-dikjarazzjoni u jistenna decizzjoni favur tieghu ghaliex bl-eccezzjoni tal-intimat innifsu l-fond mhux wiehed protett skond il-ligi;

Huwa pacifikament akkolt mill-gurisprudenza illi huwa s-sid li jrid jipprova dak li jallega.  Fil-kaz odjern, r-rikorrenti allegat *in primis* illi dan il-fond kien mikri lill-intimat sabiex jintuza bhala ufficcju professjonali u fit-tieni lok li l-intimat ilu diversi xhur li waqaf jipprattika l-professjoni tieghu oltre li l-ufficcju m'ghandux jintuza ghall-iskop patwit.  Jehtieg ghalhekk qabel xejn illi r-rikorrenti tiskonta l-prova li din il-kirja kienet ghall-uzu ta' fond bhala ufficcju professjonali u wara dan tghaddi biex tressaq provi biex turi dak minn allegat.  Ir-rikors promutur mhux wiehed guramentat u ghalhekk wahdu ma jistax jitqies bhala prova.  Dan il-Bord ghandu l-obbligu li jezamina l-fatti kollha tal-kaz anke meta intimat jonqos milli jressaq objezzjoni ghat-talbiet tar-rikorrenti, *mundo magis* meta si tratta ta' rikors kontestat.  Hija l-fehma ta' dan il-Bord illi r-rikorrenti ma tistax tistrieh biss fuq l-kontenut tar-rikors minghajr ma tressaq dik il-minima prova in sostenn tal-allegazzjonijiet taghha.

Ghal dawn il-motivi, l-Bord jichad it-talba, bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------